MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 916/2006

**Talba Nru: 916/06PBC**

**Pierina Zammit ghad-Ditta Medimports**
**K.I. Num. 837348(M)**

**Vs**

**Leo Chetcuti Caruana**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ mija u tlieta u sebghin lira Maltin, wiehed u tletin centezmu u disa’ millezmi (Lm173.31c9) fihom maghduda l-ispejjez ta’ l-ittra bonarja tas-26 ta’ Settembru, 2006 u l-konsulti relattivi u dan billi l-

konvenut naqas milli jhallas is-somma ta’ mija u tlieta u sittin lira Maltin, wiehed u tletin centezmu u disa’ millezmi (Lm163.31c9) rapprezentanti sitt (6) fatturi, Dok. A, import ta’ kosmetici lilu mibjugha u kkonsenjati ghal Paramount Cosmetics and Beauty minbarra l-ispejjez ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) ta’ ittra bonarja tas-26 ta’ Settembru, 2006 u l-konsulti relattivi.

Ra r-Risposta tal-konvenut li wiegeb illi preliminarjament ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet kif indikati fl-Avviz tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti m’huwiex il-legittimu kontradittur. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u fil-mertu t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-oggetti konsenjati mill-attrici kienu ntizi ghal *resale* u dawn baqghu ma nbieghux. Illi l-eccipjenti m’ghandux uzu ghal dawn l-oggetti peress illi m’ghadux jiggestixxi dan in-negozju u gja’ talab li jirritornahom. Illi ghalhekk l-eccipjenti m’ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont mitlub.

Sema’ x-xhieda ta’ Pierina Zammit, Caroline Vella u ta’ Leo Chetcuti Caruana.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Renzo Porsella Flores ghall-attrici u ta’ Dr Graziella Bezzina ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-attrici kienet tissuplixxi l-hanut Paramount Cosmetics and Beauty li jinsab 285, Main Street, il-Mosta b’affarijiet kosmetici biex imbaghad dawn jinbieghu minn dan il-hanut. Fil-hanut kien ikun hemm il-konvenut u l-konvenut kien il-bniedem fiziku li kien jaghmel kuntatt mad-ditta attrici. M’huwiex ikkontestat mill-konvenut li l-konsinji mertu tal-kawza gew attwalment konsenjati izda l-konvenut qieghed isostni illi meta dawn kienu qed jigu kkonsenjati kien qed isir lilu fil-vesti ta’ rapprezentant tal-kumpanija Paramount Limited u li ghalhekk fil-kapacita’ tieghu personali ma kellux relazzjoni guridika ma’ l-attrici.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jirrileva illi kien jispetta lill-konvenut biex igib provi sodisfacenti dwar din l-eccezzjoni.  L-attrici kienet kategorika meta qalet illi huma kienu jaghmlu l-invoices fuq Paramount Cosmetics and Beauty, jigifieri bhala *trade name* u li kienu jafu biss lill-konvenut fil-vesti tieghu personali.  Qatt ma kienu semghu bil-kumpanija Paramount Limited.  Il-konvenut da parti tieghu jghid illi fil-bidu meta beda jaghmel il-business mad-ditta attrici kien semma' lis-salesman illi kien qed jiggestixxi bhala Paramount Limited izda ma ressaqx lil dan is-salesman biex jixhed u inoltre, fuq kontro-ezami ma tantx kien car fuq dan l-aspett.  Huwa qal:

"Qed nigi mistoqsi jekk jiena qattx ghidtilhom dwar l-isem tal-kumpanija u jiena nahseb li lil Peter Mizzi li kien jahdem ma' l-ETC kont ghidtlu.  Jien ma kontx naghti kaz lil min hija ntestata l-fattura ..."

Inoltre, minkejja li l-invoice ma kienux jigu ntestati fuq Paramount Limited huwa qatt ma nforma lill-attrici biex tbiddel l-intestatura taghhom.  Fil-fatt huwa jghid:

"Minn dak iz-zmien 'il quddiem ma tajtx kaz imbaghad dwar l-isem tal-kumpanija…mistoqsi mit-Tribunal jekk meta bdew gejjin l-invoices mhux fuq isem il-kumpanija jien qattx tlabt xi korrezzjoni u nghid li jiena qatt ma tlabt korrezzjoni."

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-Tribunal m'huwiex sodisfatt li l-konvenut informa lill-attrici li kien qed jiggestixxi n-negozju ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Paramount Limited u konsegwentement l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi l-konvenut qieghed isostni fl-eccezzjonijiet tieghu illi l-affarijiet kienu inghataw lilu *on a consignment basis* izda dan assolutament ma jirrizutax.  Mill-provi anzi jirrizulta li l-affarijiet kienu qeghdin jinbieghu lilu biex imbaghad hu jbieghhom lil terzi.  Meta l-konvenut ghalaq il-hanut u ma kompliex jinnegozja, l-attrici ma kellha l-ebda obbligu li tiehu l-affarijiet lura kif ippretenda li taghmel il-konvenut.  L-affarijiet kienu mibjugha lill-konvenut u kien jispetta lilu

biex jara xi jrid jaghmel bihom. Hu kulma kien jifdallu huwa li jhallas lill-attrici.

Jirrizulta ppruvat ukoll illi l-invoices mertu tal-kawza m'humiex imhallsin u dan partikolarment billi l-invoices imhallsin li esebixxa l-konvenut bhala dokumenti LCC1 sa LCC12 ma jirrigwardawx l-invoices mertu tal-kawza izda huma invoices ohrajn.

Illi ghalhekk it-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha fir-rigward tal-merkanzija konsenjata. Ghar-rigward ta' l-ghaxar liri Maltin (Lm10) ghall-ittra legali u konsulenti, t-Tribunal ukoll jidhirlu li din il-parti tat-talba hija wkoll gustifikata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltin, wiehed u tletin centezmu u disa' millezmi (Lm173.31c9) bl-ispejjez tal-kawza. L-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------